

32006D0065

L 32/93

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

4.2.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 Frar 2006

li temenda d-Deċiżjoni 1997/467/KE dwar l-inklużjoni ta' stabbiliment wieħed fl-Urugwaj f'listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw il-laħam tar-ratiti

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 233)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/65/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 fuq il-kondizzjonijiet biex isiru, għall-perjodu proviżorju, listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom huma awtorizzati l-Istati Membri jimportaw ċerti prodotti ta' oriġini animalni, prodotti tas-sajd jew molluski bivalvi ħajjin ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(4) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1997/467/KE tas-7 ta' Lulju 1997 li tħejji lista provviżorja ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni tal-laħam tal-fenek u tal-laħam tal-kaċċa miżmuma fl-irziezet ⁽²⁾ tfassal listi proviżorji ta' stabbilimenti f'pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw il-laħam tal-kaċċa mrobbi fl-irziezet, il-laħam tal-fenek, u l-laħam tar-ratiti.
- (2) L-Urugwaj ipprova l-isem ta' stabbiliment wieħed li jipproduċi l-laħam tar-ratiti li għalih, l-awtoritajiet responsabbli jiċċertifikaw li l-istabbiliment jikkonforma mar-regoli Komunitarji.
- (3) Skond dan, l-istabbiliment għandu jiddaħħal fil-listi stabbiliti fid-Deċiżjoni 1997/467/KE.
- (4) L-importazzjonijiet minn dan l-istabbiliment m'għandhomx ikunu eliġibbli għal kontrolli fiżiċi mnaqqa skond id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru

1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽³⁾.

- (5) Id-Deċiżjoni 1997/467/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animalni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni 1997/467/KE huwa emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-11 ta' Frar 2006.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 3 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 243, 11.10.1995, p. 17. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva Nru 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33. Korriġendum fil-ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 199, 26.7.1997, p. 57. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 2005/302/KE (ĠU L 95, 14.4.2005, p. 62).

⁽³⁾ ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1; Korriġendum fil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1).

ANNEX

It-test li ġej jżdied ma' l-Anness II:

País: Uruguay/**Země:** Uruguay/**Land:** Uruguay/**Land:** Uruguay/**Riik:** Uruguay/**Χώρα:** Ουρουγουάη/**Country:** Uruguay/
Pays: Uruguay/**Paese:** Uruguay/**Valsts:** Urugvaja/**Šalis:** Urugvajus/**Ország:** Uruguay/**Pajjiż:** L-Urugvaj/**Land:** Uruguay/
Państwo: Urugvaj/**País:** Uruguai/**Krajina:** Uruguaj/**Država:** Urugvaj/**Maa:** Uruguay/**Land:** Uruguay

1	2	3	4	5	6
240	Caltex S.A.	Paso de los Toros	Tacuarembó	CP, SH"	